DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

StudentBounty.com

Ro

**IT-TIELET SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TAL- GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 26 | 4 | 7 | 8 | 10 | 15 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

# L-Imġiba tagħna



Ftit wara li tarbija tagħraf lil ommha u titgħallem tgħid "Ma" tibda tgħid kelma oħra. Il-kelma "Le!" Tibda tifhem li hi persuna u li bħala persuna taf tagħmel għażla bejn dak li tkun trid u dak li ma tridx. It-tarbija tħoss li fid-dinja m'hawn xejn u ħadd aqwa minnha. Li hi ċ-ċentru ta' kollox. Li l-istess ommha teżisti biex tħarisha u titmagħha. *(par. 1)*

Meta tikber u tibda tirraġuna ma ddumx ma tifhem li madwarha hemm bnedmin u ħlejjaq oħra li daqsha għandhom id-drittijiet tagħhom. Tibda toqgħod f'postha. Tifhem li hemm regoli għall-imġiba tal-bnedmin flimkien, f'dik li nsejħulha s-soċjetà. *(par. 2)*

Fis-soċjetà hemm persuni li ngħatatilhom awtorità biex imexxu. Biex bis-saħħa tagħhom il-bnedmin immexxija minnhom jgħixu aħjar u aktar ħielsa. Biex ħadd ma jgħaffeġ fuq ħadd. Biex kulħadd jieħu dak li jinħtieġ u li ħaqqu, waqt li jagħti dak li hu dmir tiegħu li jagħti għall-ġid komuni. *(par. 3)*

Sfortunatament issib nies li ma jikbru qatt. Jibqgħu qishom b'moħħ ta' tarbija li trid f'kollox tgħaddi tagħha. Nies li jikbru u saħansitra jixjieħu u jibqgħu dejjem jgħidu "Le!" Nies bla dixxiplina. Nies li t-toqol tad-dmir ma jridux jerfgħuh. *(par. 4)*

L-ubbidjenza mhix id-dgħjufija ta' min ibaxxi rasu għax beżżiegħ, iżda mġiba ta' bnedmin għaqlin li jifhmu fejn hu posthom f'soċjetà ordinata. *(par. 5)*

(Addattament minn kitba ta' Kilin)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. X'tibda tagħmel it-tarbija meta tibda tifhem?

_______________________________________________ (1)

2. Għal xiex taħseb li qiegħda hemm ommha?

_______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Meta tibda toqgħod f'postha t-tarbija?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (

4. X'insibu f'dik li nsejħulha s-soċjetà?

_________________________________________________________________ (1)

5. Għaliex fis-soċjetà hemm persuni li ngħatatilhom awtorità biex imexxu?

______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

6. X'tip ta' nies huma dawk li jridu li f'kollox tgħaddi tagħhom?

_________________________________________________________________ (1)

7. Skont l-aħħar paragrafu, x'inhi l-ubbidjenza?

______________________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (26 marka) |
|---|---|

**(i) ANALIŻI TESTWALI**

1. Li ***hi*** ċ-ċentru ta' kollox. *(par. 1)*

Il-pronom ***hi*** qiegħed jirreferi ________________________________. (1)

2. Flok il-kelma ______________________ *(par. 3)* nistgħu niktbu l-kelma ***setgħa***. (1)

3. Il-frażi "***trid f'kollox tgħaddi tagħha***" *(par. 4)* turi:

(a) tagħmel kollox fil-ħin ____ ; (b) isir kollox kif trid hi ____ ; (ċ) kollox ħażin ____ . (1)

4. ***"nies bla dixxiplina"*** huma: nies kwieti ___; nies irresponsabbli ___; nies imqarbin ___. (1)

**(ii) LESSIKU / VOKABULARJU**

Mis-silta sib il-kliem li jfisser l-istess bħal:

5. aħjar *(par. 1)* __________________________

6. nies *(par. 2)* __________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7. liberi *(par. 3)* ___________________________

8. dover *(par. 4)* ____________________________

**(iii) SINTASSI / SENTENZI**

9. Għaqqad iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża l-konġunzjoni ***u.***

Tibda toqgħod f'postha. Tifhem li hemm regoli għall-imġiba tal-bnedmin flimkien.

_______________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (1)

10. Ikteb dawn iż-żewġ sentenzi f'waħda mingħajr ma tibdel it-tifsira.

Nies li t-toqol tad-dmir ma jridux jerfgħuh. Nies bla dixxiplina.

_______________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (1)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

11. Sib u ikteb il-**parteċipju attiv** li hawn f'dawn is-sentenzi.

eż. Waqt li kien nieżel il-baħar waqa'**.** **<u>nieżel</u>**

(a) L-għalliem spjega x-xogħol tad-dar. ______________________ (1)

(b) Is-surmast għajjat ma' Tony għax sabu rieqed waqt il-lezzjoni. ______________________ (1)

12. Imla l-vojt bil-**parteċipju passiv** skont il-verb jew nom fil-parentesi.

eż. Wara l-partita qalu li r-referee kien **<u>mixtri.</u>** (xtara)

(a) It-trakk instab ____________________ (kisser) fl-għalqa. (1)

(b) Il-bniedem u l-ambjent jiġu _______________________ (effett) ħażin mit-tniġġis fl-arja. (1)

13. Ikteb il-forma t-tajba tal-verb fil-vojt skont l-għerq mogħti.

eż. Is-saħħara (k-s-r) ***<u>kissret</u>*** il-mera.

(a) L-istudenti (l-għ-b) ___________________ tajjeb ħafna. (1)

(b) Dak ir-raġel (ħ-t-f) ____________________ mill-ħallelin xahar ilu. (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

14. Immarka t-tweġiba t-tajba.

***Meta se titlaq lejn l-Amerika?***

Din is-sentenza hi: (a) **interrogattiva** ___; (b) **imperattiva** ___; (ċ) **negattiva** ___ . (1)

15. Imla l-vojt bil-**partiċelli** mogħtija taħt.

Fl-industrija ______ bini jintuża wkoll il-konkrit. Iżda l-ġebla tal-franka għadha popolari ______ bini. Il-ġebel jinġarr ______ trakk. ______ il-ġebel jgħabbu wkoll it-trab biex il-ġebel ma jinqasamx. Fi ġranet ______ xita ħafna drabi ma jsirx xogħol għax il-barriera timtela ______ ilma.

| **bit-, bl-, Fuq, fil-, tal-, bix-** |
|---|

(6)

16. Ikteb kliem flok numri.

(a) It-tewmin kienu (**2**) _________________________ ibniet.

(b) Kif daqqu s- (**7**) ___________________________ morna nieklu.

(ċ) L-istudent falla l-iskola (**19)** __________________________ darba. (3)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |
|---|---|

1. Agħżel l-idjomi t-tajba u imla l-vojt bihom.

( *qalb ta' ljun; jagħmel f'qalbu; idejh tal-ħelu; fuq wiċċ l-idejn)*

Ma kellux għalfejn _______________________________ għax dejjem kien miżmum

___________________________________ minn min kien jafu. (2)

2. Kompli dan il-qawl.

Nies bla dixxiplina li jagħmlu li jfettlilhom jistiednu l-inkwiet. Għalhekk ngħidu li:

Min jarra moħħu _______________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV

**Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar 50 kelma fuqha.**

(a) Il-klassi tiegħek marret iżżur post storiku. Int ġejt mitlub/mitluba sabiex tiddeskrivi fil-qosor x'ġara matul din il-ħarġa kulturali.

**Jew**

(b) Il-kunsill lokali tar-raħal tiegħek se jorganizza ħarġa sal-Imdina għaż-żgħażagħ. Ikteb l-avviż għal din il-ħarġa. Tinsiex issemmi fejn se tmorru, meta u xħin se tmorru, it-trasport, kemm se ddumu u kemm hu l-ħlas għal din il-ħarġa.

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Din is-sena int studjajt dwar il-lingwa għall-proġett **Idea ta' Lingwa**. Ikteb **erba' sentenzi** dwar dak li studjajt.

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. LETTERATURA – POEŻIJA – PROŻA

**(i) NADRIET 3**

1. Aqra din il-kitba poetika ta' Victor Fenech u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt.

Kull Ġimgħa l-Kbira jerġa' jiġi l-pitirross, ħa jġedded ħmuret sidru bil-qtar tad-demm divin. Jum wara jum is-sena kif iddur iħoss il-ġamra tiftel u l-ħmura qiegħda tnin. Għalhekk kull Ġimgħa l-Kbira jerġa' jiġi l-pitirross, ħa jġedded ħmuret sidru bil-qtar tad-demm divin.



U jerġa' jisma' l-eku ta' l-Imsallab il-kelmiet 'Eli, Eli ...'

Iħares il-pitirross lejn il-miġemgħa-merħla għadhom itellgħu x-xorti fuq mantell ta' kulur skur. U jħoss qalbu tingħafas u sidru jħoss jiċkien. U waħdu jsamma' leħnu, kantaliena diq-dulur, li tidwi fuq il-għolja u tinżel fil-widien titbandal qalb il-frieghi bħal nieqa ta' serħien.

a. Fuq liema għasfur titkellem din il-kitba poetika? ________________________________ (1)

b. Skont il-poeta, kull meta jiġi dan l-għasfur? ________________________________ (1)

ċ. L-għasfur iħossu mdejjaq minħabba li n-nies ma jagħtux kas ta' Kristu Msallab.

**VERU** _____ **FALZ** _____ (1)

d. Din l-għamla ta' kitba poetika tissejjaħ: poe- ____________________ (1)

e. Mill-aħħar parti ta' din il-kitba sib żewġ kelmiet li jirrimaw.

Il-kelmiet huma: ____________________ u ____________________ (1)

2. F'madwar **20 kelma** ikteb il-ħsieb ta' **waħda** minn dawn il-poeżiji f'**Aktar Nadriet**:

( Il-poeżiji huma: *Matul is-snin tal-ħajja; Raqdet il-Belt; Iż-Żgħożija; Fjura tas-Sur; Ħabbata*)

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (5)

**(ii) Stejjer taċ-Ċarrut** – Sedqa

1. F'**Jitkellem James Grech**, James kien tifel li ddeċieda ________________________________

________________________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. **Willie** kien tifel dgħajjef li l-iskola ta' sikwit kien:

(a) jirbaħ premju ____; (b) jittanta l-għalliema ____; (ċ) jaqla' xi xebgħa ____.

3. F'**L-Iskuter**, Ninu kien weġġa' waqt ________________________________________. (1)

4. **Catullus** kien (a) gwerrier ____; (b) għasfur _____; (ċ) bejjiegħ fuq il-monti ____ (1)

5. F' **Ġuħa u t-Tin**, għaliex Ġuħa talab għall-ġar tiegħu? ___________________________

___________________________________________________________________________ (2)

**(iii) Stejjer għal Qabel Jidlam –** Oliver Friggieri

1. F'**It-Tifel tal-Baħar**, Bertu kien ħareġ jaħdem ________________________________________.(1)

2. F'**Ix-Xemx fuq it-Tieqa**, Oskar sakkar it-tieqa iżda l-__________________________________. (1)

3. Fl-istorja **L-Ewwel Telefonata,** Kostanzu u Filomena kienu rebħu _______________________ mill-fiera tal-kappillan. (1)

**(iv) Jinqabad bid-Drogi** - Sedqa

Ikteb madwar **30 kelma** fuq il-ġrajja ta' **waħda** minn dawn l-istejjer: ***Ċinzja, Ngħix bl-Imħabba tal-Biċċiet, Monologu: l-Aħħar waqtiet ta' Simon ir-Raggae.***

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________ (5)

| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Waqt logħba futbol
2. Għaliex inħobb (jew ma nħobbx) is-sajf
3. Ir-raħal jew il-belt tagħna nhar il-festa
4. Il-passatemp favorit tiegħi
5. L-iskola fejn nattendi

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers